**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 17 – 28 ta' Marzu 2016**

***Minuti tal-17 il- laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar it-Tnejn, 28 ta' Marzu, 2016 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:00 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 17. Il-laqgha bdiet fis-6:15 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| **Skużat:** | **Aquilina Roderick** | Kunsillier |
| **Assenti:** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

## 1. Tender tal-Knis

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li t-tenders tal-knis li hargu ghat-tlett zoni differenti ghandhom jitwaqqghu. Dan minhabba li kif anke kien intqal fl-ahhar laqgha, li kieku kellu jintaghzlu l-orhos tlieta, l-ammont globali jeccedi, l-ammont allokat mill-budget ghall-knis. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi. Il-Kunsillier Vernalise Scicluna astjeniet mill-vot minhabba l-kunflitt ta' nteress.

Ittiehed vot.

Dawk favur: is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Clive Azzopardi, Chris Bongailas.

Dawk kontra : Hadd

Astensjonijiet: il-Kunsilliera George Cortis, Philip Said, Kevin Glynn u Vernalise Scicluna

Il-Mozzjoni giet approvata (72).

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li Haz-Zebbug ghandu jibqa maqsum fi tlieta. Misrah San Filep, Triq Sciortino u Triq Frans Sammut ghandhom jibqghu jinkinsu kuljum, filwaqt li Vjal il-Helsien ghandha tinkines tlett darbiet fil-gimgha. Il-kumplament tat-toroq jinkinsu darba fil-gimgha.

Il-Vici Sindku Alfred Grixti qal li l-kunsill ghandu jaccerta ruhu li l-kuntratturi li jintaghzlu ma jkunux jhaddmu bil-prekarjat.

Il-kraret tal-knis ghandhom ikollhom apparat ta' moniteragg sabiex il-Kunsill jinhariglu rapport ta' fejn jkunu l-kraret u allura fejn ikun inkines.

Kien hemm qbil unanimu li it-tenders il-godda ghandhom jigu mfassla b'dawn il-kundizzjonijiet. (73)

## 2. Festa 2016

Sabiex jigi diskuss dan l-item, il-laqgha giet sospiza sabiex id-diskussjoni ssir fi stadju ta' kumitat.

Wara li l-laqgha tkompliet gie deciz li :

1. Kull hanut jista jarma quddiem il-faccata tieghu biss. Mhux permissibbli li jintramew imwejjed u siggijiet quddiem faccati ta' haddiehor anke jekk jingieb il-permess minghand is-sid.

2. Jista jintramew mwejjed u s-siggijiet biss sal-wisgha ta' karreggjata taht il-bankina, irrelevanti mill-wiesgha tal-istess bankina.
3. Isir meeting mal-wardens sabiex nghidulhom ezatt x'irridu minghandhom bhala sorveljanza.
4. Il-bars tal-kazini ghandhom ikunu resposabbli mir-rimi tal-boroz huma stess.
5. Il-Hadd, nhar il-festa, il-muzika ghandha titwaqqaf fit-3.30pm, mhux il-hwienet tal-pjazza biss izda anke tal-akwata. Fl-4pm il-bibien ghandhom ikunu maghluqa.
6. Quddiem il-bieb tac-cimiterju ghandu jinzamm vojt.
7. M'ghandha tinghalaq l-ebda triq sabiex jintremew l-irdieden.
8. Ghandha titwahhal karta mal-faccata bil-qisien tal-permess imhallas.

Din il-proposta giet sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot.

Dawk favur: is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Clive Azzopardi, Chris Bongailas, Vernalise Scicluna, Roderick Aquilina, Philip Said, Kevin Glynn.

Dawk kontra : Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-Mozzjoni giet approvata (74).

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti ppropona li ghandu jkun hawn tankijiet apposta li jkunu kontenituri taz-zejt tal-ikel u li anke ghandu jsir kuntatt mal-Greenpak sabiex tipprovdi kontenituri ghal-laned tal-birra.

3. **Aggornament**

   Il-laqgha spiccat fit-8.20pm. Il-laqgha giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 20 ta' April 2016 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |